IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2021
COM(2021) 319 final

2021/0224 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Ġordan

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni biex ikunu estiżi l-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Ġordan.

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") ġie ffirmat fl-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jifforma l-bażi ġuridika għar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Ġordan. Il-Ftehim għandu l-għan li

– jipprovdi qafas xieraq għad-djalogu politiku, li jippermetti l-iżvilupp ta' relazzjonijiet politiċi mill-qrib bejn il-Partijiet,

– jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ ta' oġġetti, servizzi u kapital,

– irawwem l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi u soċjali bbilanċjati bejn il-Partijiet permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni,

– itejjeb il-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol, u jtejjeb il-produttività u l-istabbiltà finanzjarja,

– jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni reġjonali sabiex tiġi kkonsolidata koeżistenza paċifika u l-istabbiltà ekonomika u politika,

– jippromwovi l-kooperazzjoni f'oqsma oħrajn li huma ta' interess reċiproku.

2.2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jistabbilixxi Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim fil-każijiet li fih isir provvediment għalihom fih. Id-deċiżjonijiet huma vinkolanti fuq il-Partijiet. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet. Skont ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun ippresedut, għal perjodu ta' 12-il xahar, mill-UE u mill-Ġordan darba kull wieħed. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiltaqa' regolarment fil-livell ministerjali darba fis-sena. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni b'talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2016-2020 sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Ġordan Skont l-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, id-deċiżjoni tiġi adottata permezz ta' proċedura bil-miktub.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEHED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan hija bbażata fuq it-test tad-deċiżjoni annessa ma' din id-Deċiżjoni.

Permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' Diċembru 2016, l-UE u l-Ġordan qablu dwar Prijoritajiet ta' Sħubija biex jiggwidaw is-sħubija għall-perjodu 2016-2018, b'rieżami previst sa tmiem l-2018 biex tiġi kkunsidrata l-estensjoni tagħhom għal sentejn oħra fid-dawl tal-iżviluppi politiċi, ekonomiċi u tas-sigurtà. Fl-2018, wara rieżami tal-Prijoritajiet tas-Sħubija, iż-żewġ partijiet qablu li jestendu l-validità tagħhom għal sentejn addizzjonali, sa tmiem l-2020.

Fil-qafas tal-proċess kontinwu ta' tiġdid tas-sħubija tal-UE mal-Viċinat tan-Nofsinhar u wara l-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-Istrument il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument, NDICI), it-tħejjija u l-adozzjoni ta' dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, inkluż il-Ġordan, huma ppjanati għall-2021. F'dan il-qafas u biex jiġi evitat distakk bejn l-iskadenza tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan u l-adozzjoni ta' oħrajn ġodda, huwa fl-interess tal-Partijiet li jestendu l-Prijoritajiet ta' Sħubija attwali sakemm jiġu adottati oħrajn aġġornati ġodda.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*".

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-UE*"[1].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa korp stabbilit bi ftehim, speċifikament il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

L-att li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa mitlub jadotta huwa att b'effetti legali. L-att previst għandu effetti legali minħabba li se jestendi l-Prijoritajiet ta' Sħubija sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

[1] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, il-Kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw kooperazzjoni ma' pajjiż terz fil-qafas ta' ftehim ta' assoċjazzjoni u l-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 217.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jemenda l-perjodu ta' validità tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan, jenħtieġ li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ladarba jiġi adottat.

2021/0224 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Ġordan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq in-naħa l-waħda,u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002[2].

(2) Il-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan ġew adottati mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni f'Diċembru 2016[3] u ġew estiżi fl-2018 sa tmiem l-2020[4].

(3) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ Partijiet qablu dwar il-validità kontinwa tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm jiġu adottati dokumenti konġunti aġġornati ġodda.

(4) Skont l-Artikolu 91(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim.

(5) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub biex jestendi l-Prijoritajiet ta' Sħubija sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Ġordan.

(6) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

---

[2] Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra; ĠU L 129; 15.5.2002, p 3.

[3] Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar qbil fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan; ĠU L 355; 24.12.2016, p 31.

[4] Id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tat-12 ta' Diċembru 2018 li tapprova l-estensjoni b'sentejn tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan; ĠU L 8; 10.1.2019, p 34.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan, sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Ġordan, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill
Il-President